

Brussell, 17 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13104/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0289(NLE)

CCG 34

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11354/18 - COM(2018) 542 final
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-140 sessjoni tal-Laqqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati rigward l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tikkonċerna l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness V tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati - Adozzjoni

1. Fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill. Din il-proposta hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) bħala l-bażi legali sostantiva u fuq l-Artikolu 218(9) TFUE bħala l-bażi legali proċedurali.
2. Il-proposta għandha l-għan li tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-140 sessjoni tal-Laqqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati; pożizzjoni li ser ikollha l-għan li tinkludi funikulari u trolleybuses fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness V tal-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (Ftehim Settorjali dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni għall-Infrastruttura Ferrovjarja (RSU)).

3. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Settembru 2018 il-Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni qabel b'unanimità dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-deċiżjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa tal-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (dok. 11354/18).
4. Huwa b'hekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss,
 - jadotta d-Deċiżjoni ta' hawn fuq, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 11447/18.
 - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218 (10) TFUE.
